# IT-TNISSIL ŻEJTUNI TAL-FAMILJA CAMILLERI CAUCHI

Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela

- **Minn Bormla għaż-Żejtun, miż-Żejtun għal Għawdex.**
- **Il-koppja Żejtunija, ġenituri ta' Wistin Camilleri.**
- **Wistin Camilleri twieled f'Għawdex.**
- **Il-Każin Beland u l-Familja Camilleri Cauchi.**

Min iżur is-swali ta' fuq tal-**Każin Beland**, speċjalment fil-ġranet sbieħ tal-Festa ta' Santa Katarina, żgur li jara l-opri artistiċi li jżejnu dan il-lokal. Fost dawn l-opri hemm diversi xogħolijiet tal-artisti Għawdxin, l-aħwa Pawlu u Alfred Camilleri Cauchi. Kemm hawn iżda min jaf li l-**Familja Camilleri Cauchi**, li tat lill-Gżejjer Maltin mhux anqas minn erba' aristi mill-aktar popolari f'dawn l-aħħar snin, **hi ta' oriġini Żejtunija**? Qabel ngħaddu biex neżaminaw fil-qosor il-kontribut tagħhom fil-qasam ta' arti b'rabta maż-Żejtun, **b'mod speċjali fejn jidħol il-Każin Beland**, ejjew naraw kif l-antenati ta' dawn l-artisti Għawdxin ħarġu miż-Żejtun.

### Ġużeppi Camilleri kien Żejtuni

Nhar is-6 ta' Ġunju, 1885, iż-Żejtuni Ġużeppi Camilleri żżewweġ liż-Żejtunija Katarin Bonnici, bint Feliċ Bonnici u Gratia mwielda Mifsud (1). Ġużeppi Camilleri kien twieled fiż-Żejtun 28 sena qabel u kien iben Ferdinando Camilleri, li għalkemm kien twieled f'Bormla, kien trabba fiż-Żejtun, fejn ukoll iżżewweġ lil Giovanna Farrugia fl-1825. Giovanni Camilleri, missier Ferdinando, u allura n-nannu ta' Ġużeppi Camilleri, kien Bormliż li fl-1765 kien iżżewweġ f'Bormla lil Gratia Fenech. **Mill-koppja Żejtunija Ġużeppi Camilleri u Katarin Bonnici hi mnissla l-familja ta' l-artisti Għawdxin li sememjna.** Forsi wieħed jistaqsi, "Iżda x'rabta hemm bejn Bormla, iż-Żejtun u Għawdex? Kif u għaliex kien hemm dan il-moviment kollu, mhux biss minn parroċċa għal oħra f'Malta, iżda wkoll minn gżira għal oħra?"

### Ferdinando, nannu ta' Wistin Camilleri

Nibdew mill-bogħod. Għal xi raġuni jew oħra, il-Bormliżi Giovanni Camilleri u martu Gratia, wara t-twelid ta' binhom Ferdinando f'Bormla, ġew joqogħdu fiż-Żejtun snin qabel il-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Fiż-Żejtun kellhom numru ta' ulied oħra: Wenzu (1792), Tumas (1795), Rosa Mara (1798), Maria (1799) u Ġużeppi (1802). Mn'Alla li fir-reġistrazzjoni tal-magħmudija ta' Maria fl-1799, il-Kappillan taż-Żejtun (li kien Bormliż) niżżel li **l-ġenituri tat-tarbija kienu minn Bormla**, iżda li joqogħdu fiż-Żejtun, għaliex kieku m'għamilx hekk, kienet tkun tqila biex insibu Ferdinando Camilleri, li hu mportanti għall-istorja tagħna, fejn twieled!



Fiż-Żejtun Ferdinando Camilleri u martu Giovanna kellhom ħafna wlied, fosthom Gratia (1825) li kienet l-ewwel tarbija. Iżda lilna l-aktar li jinteressana huwa s'intendi **Gużeppi li twieled fis-7 t'Ottubru, 1830 u Wenzu li twieled fit-28 ta' Diċembru, 1832**, għaliex dawn it-tnejn kienu l-pijunieri li miż-Żejtun ħadu l-Familja Camilleri ġewwa Għawdex. Sinjifikanti hu l-fatt li l-parrinu ta' Wenzu kien Vincenzo Camilleri minn Bormla. **Ir-rabta bejn iż-Żejtun u Bormla tidher spiss fil-membri tal-Familja Camilleri.** Ferdinando Camilleri, il-Bormliż li għex kważi ħajtu kollha fiż-Żejtun, miet fiż-Żejtun nhar il-5 t'Ottubru 1855, fl-etċ ta' 80 sena!

### Ix-xogħol ta' l-imtieħen f'Għawdex

X'kienet ir-raġuni li għaliha l-aħwa Ġużeppi u Wenzu Camilleri ħallew iż-Żejtun u marru joqogħdu Għawdex? Wisq probabbli li marru Għawdex **fuq xogħol ta' l-imtieħen tar-riħ** (2). F'Għawdex it-tnejn li huma kellhom aktar tfal, sakemm **Wistin Camilleri, iben iż-Żejtuni Ġużeppi u Katarina, twieled fir-Rabat, Għawdex fit-2 ta' Mejju, 1885** (3). Wistin irċieva l-



edukazzjoni fis-Seminarju t'Għawdex u wara kompla l-istudji tiegħu fl-Akkademja ta' San Luqa, Ruma, taħt Canonico, Pizzardi u Mancini. F'Ruma wkoll studja ma' Ġużeppi Cali u Lazzaro Pisani (4). **Fis-sena 1936 iżżewweġ lil Francesca Cauchi mill-Għarb**, meta hu kellu 41 sena u Francesca kellha 25. Kien rebaħ l-ewwel premju fil-kompetizzjoni ta' Wembley fl-1923. Miet nhar l-4 ta' Lulju, 1979, iżda martu Francesca għadha sal-lum (A.D. 2001) mimlija bl-għomor. Wistin kellu sitt itfal: Pawlu (1940), Alfred (1943), Mario, Michael, Josephine u Catherine.

## Ħidma artistika ta' Wistin Camilleri

Ix-xogħolijiet ta' l-istatwarju Wistin Camilleri huma numerużi ħafna, iżda lilna l-aktar li jinteressawna huma x-xogħolijiet tiegħu fiż-Żejtun, fejn tiegħu għandna l-istatwi ta' **San Mikiel**, Kristu nkurunat bix-xewk (**Ecce Homo**) antik u l-**Anġli tal-Monument** (Ġimgħa l-Kbira) għal ġewwa l-knisja, u l-istatwi ta' **Malta** u **Santa Katarina**, li jintramaw barra fi żmien il-Festa. Tiegħu wkoll kienu s-sett ta' **erba' statwi figuri tal-Madonna** li dawn kienu jintramaw barra fi żmien il-**Festa tal-Madonna tad-Duttrina**, u li issa qegħdin jintramaw fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta.

## Pawlu, it-tifel il-kbir ta' Wistin

Minn ulied Wistin l-aktar li jinteressawna huma **Pawlu, Alfred u Michael**. It-tlieta li huma saru artisti bħal missierhom u kollha għandhom **xogħolijiet fiż-Żejtun**. Pawlu, il-kbir, bħal missieru beda l-istudji tiegħu fis-Seminarju t'Għawdex, u kompla fis-*St. Michael's Training College*. S'intendi barra missieru, kellhom influenza fuqu wkoll il-pitturi G.B. Conti, Ġużeppi Briffa u ż-Żejtuni Tuse' Busuttil (5). Rebaħ diplomi kemm minn Londra, kif ukoll minn Perugia. Għall-ewwel kien impjegat bħala għalliem ta' l-arti fl-iskejjel tal-Gvern, iżda mill-1973 'l hawn intefa' biss fuq xogħol ta' pittura fil-knejjes. Hu miżżewweġ lil Mary Rose, imwielda Bezzina (6).

## Pawlu Camilleri Cauchi fil-Każin Beland

Fiż-Żejtun Pawlu Camilleri Cauchi għandu diversi xogħolijiet, bħall-**erba' evanġelisti u ż-żewġ persunaġġi bibbliċi fil-knisja tas-Sinjura** u s-sett ta' **12-il Santi Padri li jżejnu l-bandalori** ta' Triq Mater Boni Consilii fil-ġranet tal-Festa ta' Santa Katarina. Kien Pawlu wkoll li, fi żmien l-Arċipriet Dun Joe Bugeja **żebaħ b'xejn il-korp** (wiċċ, idejn u riġlejn) **tal-vara ta' Santa Katarina**. Fil-Każin Beland Pawlu għandu żewġ kwadri mill-isbaħ. L-ewwel wieħed hu l-**Inkurunazzjoni ta' Santa Katarina** mis-SS.ma Trinita', li jinsab fis-Sala l-Ħamra ta' fuq u li Pawlu pitter fl-1980. Il-kwadru hu ffirmat. Barra Ġesu', li jidher iqiegħed il-kuruna fuq ras Santa Katarina, jidhru wkoll il-Missier Etern, l-Ispirtu s-Santu taħt forma ta' ħamiema, il-Madonna u anġlu ċkejken iżomm ir-rota tal-martirju. Dan il-kwadru kien irregalat lill-Każin minn sitt benefatturi: Mose' Cassar, Anthony Mifsud, Sp. Camilleri, Joseph Caruana, George Mifsud u John Pace (7). Kwadru ieħor kbir ta' l-istess pittur fil-Każin Beland hu simboliku: jirrappreżenta **l-għoti tat-titlu "Beland" liż-Żejtun** mill-Gran Mastru Ferdinando Hompesch fl-1797. Barra Hompesch jidher ukoll il-Kappillan ta' dak iż-żmien: il-Bormliż Giacomo Tortella. Dan il-kwadru, li hu wkoll

iffirmat, ġie rregalat lill-Każin fit-2 ta' Mejju, 1986 mill-mibki Mose' Cassar - Bormliż ieħor! Stampa sabiħa ta' dan il-kwadru dehret fil-*magazine* **"Il-Gran Mastri"** u allura tista' tiġi apprezzata mill-istudjużi kollha ta' l-Istorja ta' Malta. Dun Ġorġ Spiteri, Kappillan tal-Każin, għandu kwadru ieħor ta' Santa Katarina, magħmul mill-istess Pawlu, pjuttost fuq stil modern. Hu wkoll iffirmat.

## Alfred Camilleri Cauchi fil-Każin Beland

Alfred, l-ewwel statwarju ħu Pawlu, ukoll għandu xi xogħolijiet fil-Każin Beland. Insemmu **l-istatwa kbira ta' Santa Katarina li l-partitarji tagħna joħorġu fil-marċi brijużi tal-Festa** u **l-bustijiet żgħar tal-mużiċisti** li jżejnu l-artikivju sabiħ tas-sala. Il-bustijiet huma ta' Paolino Vassallo, Ludwig Van Beethoven, Giuseppe Verdi u Carlo Diacono. Dawn l-istatwi żgħar saru minn Alfred Camilleri Cauchi fl-1986. S'intendi fiż-Żejtun Alfred għandu bosta xogħolijiet oħra. Hekk ma nistgħux ma nsemmux l-istatwi ta' **Kristu Rxoxt** u l-**Ecce Homo l-ġdid**, statwa b'numru ta' persunaġġi. Tiegħu wkoll huma s-sett ta' 13-il figura (Ġesu u l-Appostli) li żżanżnu din is-sena (A.D. 2001) fil-Bini Parrokkjali biex jiffurmaw it-***tableau*, Kristu jaħsel riġlejn l-Appostli** fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll **Kristu Msallab** fil-knisja tal-**Madonna tal-Ħniena** f'Bir id-Deheb. Alfred esegwixxa wkoll **l-iskultura fil-kappella ta' San Ġużepp** fil-Knisja Parrokkjali.

## Michael Camilleri Cauchi

Mit-tliet ulied artisti ta' Wistin Camilleri, l-inqas li għandu xogħol fiż-Żejtun hu t-tielet wieħed: Michael. Ta' dan għandna biss statwa li saret ftit snin ilu: **Santa Katarina tiddisputa mal-filosfi** fil-preżenza ta' Massiminu. Din l-istatwa tintrama fi Pjazza Carlo Diacono, mhux il-bogħod minn xogħolijiet oħra ta' missieru Wistin u ħuh Pawlu.

Wistin Camilleri twieled f'Għawdex u mhux fiż-Żejtun b'kumbinazzjoni, iżda l-kontribut artistiku tiegħu u tat-tlett uliedu patta sewwa għal dan, għaliex l-opri artistiċi tagħhom huma numerużi ġmielhom f'din il-parroċċa, inkluż il-Każin Beland, u jitgawdew b'mod speċjali fil-ġranet tal-Festa ta' Santa Katarina u tal-Ġimgħa l-Kbira.



Wistin kien iqis din l-istatwa bħala l-kapolavur tiegħu.

## Noti u Riferenzi


1. Arkivju Parrokkjali Żejtun, Lib. Matr. XIV, fol.113.
2. Informazzjoni mogħtija lili mis-Sur Mikelanġ Camilleri, Rabat, Għawdex.
3. M. Schiavone u Louis J. Scerri, "Maltese Biographies of the Twentieth Century", p.141.
4. Ibidem.
5. Ibidem.
6. Idem, p.142.
7. Tagħrif meħud mill-kwadru stess.